MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Awwissu, 2012

Numru 593/2012

Il-Pulizija
(Spettur Tony Cachia)

vs

Amadeo Grima

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 259780(m), akkuzat talli:

- 1. nhar it-30 ta’ Mejju 2012 ghal habta tat-8.30pm fi Triq Dun Gejtanu Mannarinu Birkirkara assocja ruhu flimkien ma’ persuna ohra f’Malta bil-ghan li jaghmel delitt f’Malta li ghalih hemm piena ta’ prigunerija u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;
- 2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, flimkien ma’ persuna ohra kkommetta serq ta’ madwar 900 Ewro ghad-

detriment ta’ Ritianne Briguglio liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li jeccedi aktar minn 232.94 Ewro izda mhux aktar minn 2,329.37 Ewro;

- 3. ikkommetta reat filwaqt tal-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija nhar it-22 ta’ Dicembru 2009 mill-Magistrat Dr.Saviour Demicoli LL.D;
- 4. Sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti mitluba li f’kaz ta’ htija tittratta lill-imputat Amadeo Grima li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona nhar il-15 ta’ Frar 2012; mitluba wkoll li f’kaz ta’ htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Amadeo Grima u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma li nghata fl-istess digriet bhala garanzija personali imposta mill-istess Qorti tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulata fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuza ta’ serq hi principalment marbuta max-xhieda tad-derubata li tistqarr li fil-gurnata ‘de quo’ kienet fil-hanut taghha gewwa Cospicua li minnu telqet ghat-8.20 ta’ filghaxija biex tmur fir-residenza taghha f’Birkirkara. Ziedet tghid li kif waslet assaltaw tnejn minn nies li fosthom gharfet posittivament lill-imputat. Semmiet li l-imputat kienet ratu f’okkazjoni precedenti meta kien mar il-hanut

taghha filwaqt li kienet qed taqdi mara parentata mieghu. Dwar l-identifikazzjoni tieghu d-derubata hekk stqarret: ‘mija fil-mija, dak hu (tirreferi ghall-imputat), bit-tatoo f’wiccu, lanqas immur xejn fid-dubbju..). Intant, r-rakkont taghha, tal-eventi li ippredew li giet misruqa huma korroborati mill-lokalizazzjoni tac-cellulari tal-imputat f’Rahal Gdid u sa certu sens il-filmati, cioe’ fotogrammi minn filmati mehuda minn CCTVs ezistenti u nstallati f’dawk l-inhawi. Hu wkoll indubitat il-fatt tal-aggressjoni u serqa li sofriet id-derubata, anka kif xehed is-Surgent Lagrasta. Id-dubbju fil-kaz in meritu jippermani fir-rigward l-aggravji akkompanjanti s-serqa kif indikati fl-att tac-citazzjoni, ossija l-avviz. Dan qed jinghad billi fost l-aggravji imsemmija jirrizulta indubjament dak tal-hin. Dwar iz-zewg aggravji l-ohra, senjatament tal-vjolenza u l-valur il-Qorti tafferma li dak riferenti ghall-vjolenza ma jirrizultax mill-atti proceswali stante li ma jirrizulawx, jew ahjar m’hemmx prova, li d-derubata sofriet xi offiza fuq il-persuna taghha u lanqas li l-aggressuri kienu aktar minn tnejn. Dwar l-aggravju tal-valur ghandu japplika dak indikat fl-akkuza, cioe’ ‘madwar 700 euro’. Fic-cirkostanzi r-reat ta’ assocjazzjoni jirrizulta ghalkemm m’ghandux effett fil-piena.

Fil-konfront tal-imputazzjonijiet l-ohra:

Jirrisultaw kemm kwantu li r-reat gie kommess fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza, ossija dik tat-22 ta’ Dicembru 2009 minn dina l-Qorti differentement preseduta u esebita in atti bhala vera kopja, kemm kwantu li l-imputat hu recediv u kemm kwantu l-ksur tal-kundizzjonijiet marbutin mal-liberta’ kondizzjonata tieghu. Fil-kuntest ta’ din ta’ l-ahhar jinsab ben pruvat li l-imputat kien barra il-hinijiet tar-rinkasar.

Ghalhekk issib u tiddikjara l-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu b’dan li ghal dak li jikkoncerna s-serq l-aggravju hu tal-hin u valur taht l-2,300 Ewro. Rat l-Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 49, 50, 28B(1), 579(1)(2), 17(b), u 31 tal-Kap 9. Tikkundannah tlettax-il xahar prigunerija. Tordna li l-perjodu ta’ prigunerija sospiz bis-sentenza tat-22 ta’

Dicembru 2009 ta’ sentejn jibda fis-sehh. Fl-ahharnett tordna r-rijarrest tal-imputat u li l-ammont stabbilit mill-helsien mill-arrest taht garanzija personali jghaddi favur il-Gvern.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------